Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Inawgurazzjoni statwa Sant' Andrija
5. Budget
6. Attendenza waqt il-laqgħat
7. Tenders
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Kunsillier Eric Camilleri.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li quddiem I Love Gutz illum kien hemm 13 il-karozzi ipparkjati li jibdew minn fejn hemm l-Iskola. Huwa qal li jekk nagħmlu tabella bejn Triq Dun Pawl u Triq San Ġorġ except for school. Il-Kunsillier Caruana qal biex hawnhekk anki jsiru xi bollards bil-ħinijiet li jintużaw waqt il-ħin tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-Iskola.

2.2 Is-Sindku ra li kien hemm diversi proposti imsemmija waqt il-laqgħa. Huwa qal li l-aħjar issir laqgħa mal-Ispettur biex naraw l-aħjar soluzzjoni.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hawn vetturi li jidħlu bit-tfal sa fejn hemm il-ħanut tal-ħwejjeġ I love Gutz. Is-Sindku semma li hawn irid ikun hawn ġenb minn Triq Sant' Andrija li jkun magħluq għat traffiku sabiex ikun jista jintuża minn dawk li joħorġu minn Triq San Ġorġ.

2.4 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li l-Pulizija mhux qed ikun fil-ħin għall meta tingħalaq it-Triq għall Iskola. Is-Sindku suġġerrixxa biex issir laqgħa apposta mal-Kummissarju fuq dan il-każ għax din mhux tollerabbli.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li kien sar it-tindif taċ-Ċimiterju ta' San Tumas. Huwa qal biex jindaru li spuctions li hemm fi Triq Dun Pawl. Huwa semma wkoll li kien hemm xi spuction ieħor fejn Frankie tal-ħaxix.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma jekk il-Kunsill b' xi mod jistax jikkopera biex residenta li toqgħod fi Triq il-Karmnu ikollha aċċess liberu għad dar tagħha mit-Triq. Is-Sindku semma li huwa diġa kellu xi pjanijiet fuq x' jista jsir.

3.3 Il-Kunsillier Caruana semma li mhux sewwa li l-Każini kienu żarmaw id-dawl qabel l-Epifanija. Is-Sindku qal li fuq dan l-għad se nkellmu lill-Każini biex din ma terġax tiġri u l-armar ikun aktar organiżżat u l-Kunsill ikun jaf fiex qed ikunu utilizati l-flus.

3.4 Is-Sindku semma li kienet se ssir il-laqgħa plenarja tal-Kunsilliera fl-4 ta’ Marzu 2016 u ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

3.5 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk tistax issir bankina fi Triq Wied il-Knejjes. Is-Sindku semma li din bħala Triq hija dejqa anki biex issir bankina skont l-istandards. Huwa qal li xorta kien se jiċċekkja bħala permess x’ jista jsir.

3.6 Il-Kunsillier Caruana semma li hawn tista issir nofs katusa ġol-art biex meta jkun hemm ilma jgħaddi minn ġo fiha u mhux tegħreq dil-parti.

3.7 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm bżonn li ssir tabella biex ma jħammġux il-klieb fi Triq Ħal Saflieni fejn Gonzalez Garage.

3.8 Is-Sindku semma li trid tingħata xi allowance lill-ħaddiema tal-Community Work Scheme peress li llum dawn kienu jaqgħu taħt il-Fondazzjoni u ġew intitolati għall performance bonus. Is-Sindku semma li dawn kollha għandhom familja u din tingħata lilhom darba fis-sena. Huwa kien tal-opinjoni li kulħadd jingħata l-istess. Il-Kunsilliera lkoll preżenti qablu ma din il-proposta.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-iskema tal-attivitajiet kulturali kienet għadha ma ħarġitx. Huwa qal li minn dak li semma din kienet se tkun qed tiġi immexxiha mir-Reġjun bħala applikazzjoni minn dak li jirċievu mill-Kunsilli. Huwa qal li għas sena d-dieħla irridu nagħmlu xi ħaġa relatatta mad-9 t’ April peress li kien anniversarju. Is-Sindku qal li l-aħjar nitkellmu f’ laqgħa apposta.

## 4.0 INAWGURAZZJONI STATWA SANT’ ANDRIJA

4.1 Is-Sindku semma li l-inawgurazzjoni tal-istatwa ta’ Sant’ Andrija kienet se ssir fit-8 ta’ Frar.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma jekk nistgħux narmaw xi dawl għall matul din l-okkażżjoni. Is-Sindku qal li jekk hawnhekk se jsir xi dawl dan irridu naħsbu għalih minn qabel. Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa se jipprova jfittex xi forma ta’ dawl adattat għall din l-istatwa.

## 5.0 BUDGET

5.1 Is-Segretarju beda l-ispjegazzjoni tal-estimi billi semma li din is-sena kien qed jintuża format differenti għall ewwek darba skont kif apprivatt mid-Dipartiment u li kien aktar spjegat. Huwa semma li għall din ir-raġuni jista jkun hemm xi items li m’ għandhomx ammont maġenbhom.

5.2 Is-Segretarju semma li l-ammonti li hemm fil-partijiet tad-dħul u l-infieq huma komposti minn workings li jinstabu fil-parti ta’ wara u talab lill-Kunsilliera biex huma jagħmlu cross reference għall paġni differenti ta’ dan l-istatement.

5.3 Is-Segretarju semma li għall dan l-istatement kien hemm ukoll working li juri financial indication tal-Kunsill Lokali. Dan l-ammont kien ukoll jieħu in konsiderazzjoni l-ammont ta’

deferred income u anki deprection. Huwa qal li l-figuri li kien qed juri dan l-istatement kienu qed jirrifletu xi żiedet bħal COLA u anki possibilment minn kuntratti.

5.4 Il-baġitt kien ippropunut mis-Sindku u approvatt mill-Kunsilliera Lucia Massa, Victor Caruana u Eric Camilleri.

**6.0 ATTENDENZA WAQT IL-LAQGĦAT**

6.1 Is-Segretarju semma li kien hemm Memo li kienet ħarġet matul Settembru fuq l-allowance tal-Kunsilliera fejn dawn anki jekk ma jattendux għall laqgħa u jkollhom raġuni valida, kienet ser tinqatalhom l-allowance marbuta ma' dik il-laqgħa. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jagħmlu ħilithom kollha u kemm jista jkun ma jitilfux għall laqgħa.

6.2 Is-Segretarju semma wkoll li l-laqgħat qed ikunu streamed ukoll minn naħa tad-Dipartiment u l-attendenza tal-Kunsilliera tista tkun qed tiġi osservata.

6.3 Is-Sindku semma li huwa kien diġa tkellem mal-President tal-Assoċjazzjoni u anki bħala Partit biex issir pressjoni ħalli ma tinqatax l-allowance meta jkun hemm każijiet ġustifikati.

**7.0 TENDERS**

7.1 Is-Sindku semma li kien hemm numru ta' tenders li riedu jerġgħu jinħarġu mill-ġdid jew għall ewwel darba. Huwa semma li ried jinħareġ tender fuq road resurfacing u patching, street signs u żebgħa, part exchange tal-vann tal-Kunsill, soft areas, taż-żamma tal-lattrini, street ligting u tal-bini tal-lattrina tal-Bandli. Il-Kunsilliera preżenti qablu li dawn it-tenders kellhom jinħarġu mill-ġdid.

7.2 Is-Sindku semma li filkaż tat-tender tal-knies u l-ġbir tal-iskart dan kellu jinżamm l-istess kuntrattur billi bħala Kunsill ma kellux garr mir-residenti. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

**8.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET**

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet taħt dan l-item.

**9.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 18 ta' Jannar 2017 fis-6.45 pm. Kien hemm il-bidu ta' Frar proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2017.

____________________ ____________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv